Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 237/2015

**The Yacht Shop Limited (appellanti)**

**Vs**

**Dr Christopher Chircop nominat bid-digriet tat-3 ta' Settembru 2015, Kuratur Deputat ghal M/Y Regulus registrat fil-Brittanja, b'numru ufficjali 742687 u s-socjeta' estera Balant Group Limited, Intershore Chambers, Road Town, Tortola, British Virgin Islands (appellat)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. Is-socjeta' attrici harrket lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas tas-somma ta' €4,986.25 rapprezentanti oggetti u tiswijiet li nghataw lill-bastiment M/Y Regulus.

2. Fit-twegiba guramentata l-kuratur wiegeb li:
   i. Il-qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza.
   ii. L-attrici ghandha l-piz tal-prova li l-allegazzjonijiet li ghamlet huma minnhom.
   iii. Il-kuratur m'ghandux taghrif dwar fatti u jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk isir jaf b'xi fatti.

3. B'sentenza tat-8 ta' Jannar, 2016 il-qorti laqat l-ewwel eccezzjoni minhabba li l-vapur M/Y Regulus ma kienx f'Malta.

4. L-attrici appellat mis-sentenza, bl-aggravji:

   i. Il-bastiment kien fl-ibhra terittorjali ta' Malta meta fl-10 ta' Awissu 2015 l-attrici pprezentat il-kawza.
   ii. Parti fil-kawza kienet ukoll Balant Group Limited li wkoll kienet rapprezentata mill-kuratur. Fatt li gie njorat mill-ewwel qorti. L-ewwel qorti kellha taghmel distinzjoni bejn iz-zewg konvenuti. Ghalkemm il-fatturi pprezentati mar-rikors promotur inhargu f'isem il-bastiment Regulus, il-kumpannija konvenuta hi sid il-bastiment u ghalhekk responsabbli ghall-hlas tal-merkanzija u servizz li nghatat lill-bastiment.

5. Il-kuratur ma wegibx bil-miktub.

**Konsiderazzjoni.**

6. Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2016 l-appellanti rrinunzjat ghall-ewwel aggravju.

7. Mis-sentenza hu evidenti li l-ewwel qorti kkunsidrat biss il-posizzjoni tal-bastiment Regulus. Il-qorti osservat:-

   *"Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jidher li wahda minn dawn l-elementi essenzjali ghall-ezercizzju ta' azzjoni in rem hija mankanti, w cioe' dak li l-vapur mhux qieghed hawn Malta u ma giet prezentata l-ebda garanzija sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' prezenza tal-bastiment hawn Malta. Huwa fatt inkontestat illi l-vapur ma kienx fl-ibhra Maltin meta giet intavolata l-azzjoni. Dan il-fatt huwa pprovat permezz tar-rikors tar-rikorrenti datat 10 ta' Awissu 2015, fejn hemm indikat li l-bastiment M/Y Regulus kien harab minn Malta minghajr ma kienx avza lil hadd u s-socjeta estera Balnt Group Limited hija socjeta li mhix registrata f'pajjiz membru tal-unjoni Ewropea u kien ghalhekk li saret talba ghan-nomina ta' kuratur.*

   *Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, ghalkemm jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti kienet wahda gusta w taqa' fil-parametri tal-Artikolu 742B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, w appuntu fis-Sub-incizi 'o' u 'p', il-Qorti tirritjeni li, kienu x'kienu c-cirkostanzi tal-kaz, jibqa' l-fatt li l-element essenzjali ghall-azzjoni huwa nieqes u cioe' l-prezenza tal-vapurt tal-ibhra Maltin".*

   L-ewwel qorti bbazat is-sentenza fuq in-nuqqas ta' gurisdizzjoni minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 742B tal-Kap. 12. Pero' dik id-disposizzjoni titratta l-gurisdizzjoni f'kaz ta' azzjoni *in rem* u rilevanti fejn l-azzjoni tittiehed kontra bastiment. Mill-atti jirrizulta li meta l-avukat Dr Christopher Chircop inhatar bhala kuratur, in-nomina tieghu kienet kemm bhala kuratur tal-bastiment Regulus u ta' Balant Group Limited (fol. 18-21).

8. Fis-sentenza ma jinghad xejn dwar jekk l-ewwel qorti ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-kawza fil-konfront tas-socjeta' Balant Group Limited, u fir-rigward ta' liema ma japplikax l-Artikolu 742B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Fil-konfront tas-socjeta konvenuta l-azzjoni m'hijiex *in rem* izda *in personam* in kwantu ndirizzata wkoll kontra dak li l-attrici tirreferi ghaliha bhala s-sid tal-bastiment[1]. Mis-sentenza hu evidenti li l-ewwel qorti ma kkunsidratx il-posizzjoni ta' dik il-parti fil-kawza. Dan ifisser li l-akkoljiment tal-ewwel eccezzjoni fil-konfront ta' Balant Group Limited, hi minghajr motivazzjoni. Difett li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq. Fic-

[1] Ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza AWT Handels Gesellschaft mbH vs Il-bastiment M/V Dmitri Poulyan et, tal-1 ta' Ottubru 2001.

cirkostanzi dik il-parti tas-sentenza ser ikollha tithassar u l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tiddeciedi dwar jekk ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi l-kawza fil-konfront tas-socjeta konvenuta, u fl-affermattiv tiddeciedi dwar il-meritu.

**Ghal dawn il-motivi tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Jannar 2016 fis-sens li thassarha f'dik il-parti fejn laqet l-ewwel eccezzjoni fil-konfront tas-socjeta' Balant Group Limited u tikkonfermaha ghal kumplament. Spejjez bla taxxa, b'dan li l-appellanti ghandha thallas provizorjament id-dritt tal-kuratur bid-dritt li tirkuprahom minghand il-konvenuta.**

**Tordna li l-atti jintbghatu lura lill-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.